MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 244/2011

**Michael Angelo Fenech**

**vs**

**Joseph Gaffarena**

**Il-Qorti,**
Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-10 ta’ Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-attur kien biegh sitt trakkijiet lill-konvenut u dan kif jirrizulta mill-ftiehim kopja ta' liema jinsab hawn anness immarkat (Dokument A). Xi zmien wara l-istess konvenut kien abbanduna tnejn minn dawn it-trakkijiet u kien hallihom fi stat abbandunat fuq art proprjeta tar-rikorrenti li tinsab Marsaxlokk. Ir-rikorrent kien immedjatament talab lill-konvenut biex inehhihom izda dan kien irrifjuta li jnehhihom u qal li ma riedhomx. Wara ftit taz-zmien ir-

rikorrent kien wissiegh li jekk ma jnehhix it-trakkijiet li kienu qieghdin jingombraw l-art tar-rikorrent kien ser jitolbu jhallsu kumpens ghad-danni naxxenti mill-okkupazzjoni. L-intimat izda baqa' ma nehhiex it-trakkijiet u lanqas ma hallas xi kumpens talli hallihom fil-proprjeta msemmija. Jinghad ghall-kompletezza li l-intimat kien ghamel proceduri biex ihassar il-bejgh izda kien tilifhom bl-ispejjez b'sentenzi tal-Qrati taghna li illum ghaddew in gudikat (dokumenti B u C). Wara l-intimat beda jghid li ma kienx ser inehhi t-trakkijiet ghaliex ried jistenna l-ezitu tal-kawzi;

2. Illi l-esponent kien interpella lill-intimat diversi drabi sabiex inehhi l-ingenji in kwistjoni. Kopji ta' uhud minn dawn l-ittri huma esibiti immarkati dokument D);

3. IIIi xi sentejn ilu l-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) kienet harget enforcement notice fuq is-sit u dan sabiex jitnehhew it-trakkijiet minn fejn kienu. Fis-7 ta' April 2009 ir-rikorrent kien baghat ittra ufficjali lill-intimat fejn informah b'dan u wissiegh li kien ser jiddeposita t-trakkijiet taht l-Awtorita tal-Qorti. Billi izda l-ufficjali tal-MEPA iddecidew li jiehdu azzjoni u jnehhu huma stess l-ingenji r-rikorrent, biex jimminimizza d-danni u peress li ma kellux zmien, qabad u garr l-ingenji ghal gio proprjeta ta' kumpanija li huwa ghandu bi shab ma huh. Sussegwentement ghal dan ir-rikorrent kien iltaqa mal-intimat u kien gharrfu li kien bi hsiebu jiddesposita l-affarijiet fir-registru u dan kien ser ifisser aktar spejjez ta' trasport u ta' kera aktar u l-intimat filwaqt li ddikjara li kien ser jghaddi ghall-affarijiet f'xi hin, talab lir-rikorrent sabiex jibqa’ jzomm it-trakkijiet u ma jcaqlahomx;

4. Illi kagun tal-agir tal-intimat l-esponent sofra danni konsistenti fost l-ohrajn fi (i) spejjez legali in konnessjoni mal-ittri u mal-enforcement notice; (ii) spejjez tal-garr tal-ingenji u (iii) danni ghall-okkupazzjoni tal-proprjeta tal-mittenti;

5. IIIi in kawtela tad-danni sofferti minnu, ir-rikorrent ipprezenta rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 250/11 sabiex l-intimat jigi mizmum milli jbiegh,

inehhi jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu l-mezzanin bla numru fi Triq il-Merselli, Mqabba konfinanti mil-Lvant mal-imsemmija Triq, mit-Tramuntana ma' beni ta' Joseph Pace u min-nofsinhar ma' beni ta' Joseph Farrugia jew kwalunkwe sehem indiviz minn tali fond u dan in kawtela tas-somma ta' sbatax-il elf, hames mija u tlieta u tmenin euro u tletin centezmu (€17,583.32) dovuti lir-rikorrent u li jinkludu l-ispejjez ta' garr tat-trakkijiet kif ukoll il-kiri ta' l-ispazju fejn qed jinzammu l-istess trakkijiet;

6. Illi stante li l-intimat baqa' inadempjenti r-rikorrent ma kellu ebda triq ohra ghajr li jipprezenta din il-kawza.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Filwaqt li ssib lill-intimat responsabbli ghad-danni kagunati lir-rikorrenti naxxenti mill-fatti dikjarati fil-qosor f'dan ir-rikors konsistenti fost l-ohrajn fi (i) spejjez legali in konnessjoni mal-ittri u ma' enforcement notice; (ii) spejjez tal-garr tal-ingenji u (iii) danni ghall-okkupazzjoni tal-proprjeta tal-mittenti, tillikwida d-danni msemmija u tikkundanna lill-intimat ihallashom bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tordna lill-intimat jigbor l-ingenji in kwistjoni spejjez tieghu u fin-nuqqas li dan isir fit-terminu qasir u perentorju li dina l-Onorabbili Qorti joghgobha tiffissa tawtorizza lir-rikorrent inehhi u/jew jiddistruggi huwa stess l-ingenji in kwistjoni spejjez tal-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali u tal-ittra ufficjali datata 7 ta' April 2009 u tal-mandat ta' inibizzjoni premessa f'dan ir-rikors kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta’ ntegreta tal-gudizzju stante illi l-vetturi ndikati ghadhom proprjeta tal-Barrani Co. Ltd u registrati f’isem is-socjeta kummercjali Concrete Works Ltd. Ghal liema raguni dawn is-socjetajiet ghandhom jigu kjamati fil-kawza.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi:

i. minn imkien ma jirrizulta xi ftehim ta lokazzjoni li jghati lok ghal hlas pretiz u di pui,

ii. a bazi tal-para. Sitta (6) tal-iskrittura tat 23 ta Jannar 1989 (Dok. A), l-attur kien accetta u ntrabat li jzomm l-istess vetturi, minghajr ebda pretensjoni jew rizerva ghal xi hlas ta xi kumpens u li ghalhekk, fin-nuqqas ta’ tali ftehim, l-ebda ammont ma jista’ jkun dovut stante n-nuqqas tal-elementi rikjesti mil-ligi ghar-rigward tal-istess

3. Salv eccezzjonijiet ohra

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**
**Provi**

Michael Angelo Fenech xehed li kien sar kuntratt (Contract of Sale & Purchase) datat 23 ta’ Jannar 1989 (Dok. A a fol. 5) li permezz tieghu kien biegh sitt trakkijiet lill-konvenut. Xi zmien wara l-konvenut abbanduna zewg trakkijiet fl-art proprjeta tieghu. Hu qallu biex inehhihom izda l-konvenut wiegbu li ma ridhomx. Wissieh li jekk ma kienx ser inehhihom huwa kien ser jiccargjah tal-garr tal-vetturi u okkupazzjoni tal-propjeta tieghu. Kien fetahlu kawza (747/89) ghal hlas ta’ tal-prezz tat-trakkijiet u l-Qorti kienet laqghet it-talba tieghu (Dok. C a fol. 15.137). Il-konvenut kien ukoll fetah kawza (1195/1990) (Dok. B. a fol. 7.146) biex jigi dikjarat null il-kuntratt Dok. A u biex tigi ritornata l-kambjala u l-Qorti cahdet dawn it-talbiet tal-

konvenut. Il-konvenut baqa’ ma nehhiex dawk it-trakkijiet, anke wara li gew decizi dawn il-kawzi. L-attur kien baghtlu ittra legali u ittra ufficjali[1], apparti ittri ohra fejn infurma lill-konvenut li t-trakkijiet kienu ser jigu depozitati fir-registru tal-Qorti. Hu kien indika lill-konvenut kemm ser jigi jqum il-garr u l-garaxxjar bhala parti mid-depozitu.

Imbaghad fl-2009 l-MEPA harget enforcement notice fuq is-sit biex jitnehhew it-trakkijiet imsemmija u l-attur kien informa lill-konvenut b’ittra ufficjali tas-7 ta’ April 2009. Biex jevita li l-ufficjali tal-Mepa jiehdu azzjoni huma u b’hekk jizdiedu l-ispejjez, u billi ma kellux zmien, l-attur garr l-ingenji go propjeta ta’ kunpanija li hu kellu bi shab ma’ huh bl-isem Luboil Manufacturers Co.Ltd. Meta reggha kellem lill-konvenut biex inehhi t-trakkijiet, dan qallu li kien ser ighaddi ghalihom, izda ma resaqx.

L-attur ighid li hu sofra dawn id-danni, konsistenti f’transport taz-zewg trakkijiet fl-ammont ta’ €1,374.33 (ara fol. 36, 114, 121, 126, 132) u kiri ta’ spazju ghalihom bi €23.29 kull jum fl-ammont totali ta’ €17,001.70 (Dok. a fol. 40). Kien hareg ukoll mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenut li gie jiswielu €64 (ara fol. 90, 120, 125, 130, 134). L-attur semma li meta darba kien hareg mandat ta’ qbid u kellu igib konsenatarju huwa gie ccargjati bil-€33.37 kuljum, ghalhekk ir-rata li qed jitlob minghand il-konvenut f’dan il-kaz hija wahda vantagguza ghall-konvenut billi hija irhas (Dok. MAF8 a fol. 101).

L-attur ikkonferma li hu ma kienx qed jitlob kumpens ghal okkupazzjoni tal-art tieghu meta l-konvenut abbanduna z-zewg vetturi Marsaxlokk fl-ghalqa tieghu izda ghall-ispejjez li huwa kellhu jaghmel wara li nhareg l-enforcement order kontra tieghu u wara li infurma lill-konvenut li kien se jaghmel l-ispejjez. Fix-xhieda tieghu l-attur spjega fid-dettal id-danni li huwa allegament sofra (fol. 67).

Dwar dak li hemm imnizzel fil-para 6 tad-Dok. A li l-konvenut irrefera ghalih fir-risposta tieghu, l-attur isostni li

[1] Ittra interpellatorja a fol. 24 Dok D u ittra ufficjali a fol. 25 Dok. E. Il-konvenut wiegeb din l-ittra ufficjali ara fol. 156 Dok. A.

dina l-kawsola ma tghidx li hu kien accetta li jzomm il-vetturi minghajr hlas imma din il-klawsola titkellem biss dwar fuq min jaqa' r-riskju. Ighid li l-konvenut kien ha t-trakkijiet u kien biss wara li hadhom li sussegwentement hu rega' gab lura u abbanduna iz-zewg trakkijiet Marsaxlokk ghax ma ridhomx. Dan hu kkonfermat minn Michael Axisa u Paul Zammit.

Michael Fenech xehed li l-attur jigi zijuh u kien talbu biex jiggaraxxja xi vetturi tal-konvenut Gaffarena f'art taghhom. Kienu ftehmu u l-vetturi gew ittrasportati ghandhom mill-kunpanija ta' certu Victor fil-post tal-kunpanija Luboil Manufactures Co Ltd gewwa Haz-Zabbar. Kienu ftehmu fuq prezz ta' €23.29 kuljum (bla VAT inkluz fl-ammont) biex jistorjawlu dawn il-vetturi. Il-ftehim kien wiehed verbali. Huma ma kienux ser jistorjaw l-vetturi b'xejn. Ix-xhud ikkonferma l-kontenut tal-kont Dok. MF1 a fol. 40 u qal li kien sar pagament akkont mill-attur fl-ammont ta' €16,185.70 u baqa' bilanc. Il-kont ghadu pendenti u l-ammont ghadu tiela.

Missier ix-xhud Michael Fenech, Alfred Fenech xehed li hu kien prezenti meta sar dan il-ftehim ma' huh pero billi hu ma jafx jaqra u jikteb ma jiftakarx bl-amment ir-rati li ftehmu. Ighid li ghalkemm il-konvenut habib taghhom hu xorta ppretenda hlas, kif kien anke ippretenda hlas minghand huh.

Louis Micallef ghan-nom ta' Roc-a-Go ikkonferma li l-attur kien hallashom tas-servizzi rezi mill-kunpanija tieghu konsistenti fi cranes u gar ta' zewg ready mix minn Marsaxlokk ghal Haz-Zabbar (Dok. a fol. 36).

Romwald Attard**,** manager legal office BOV, ikkonferma li l-ammont fuq ic-cheques a fol. 120 u 121 gew imsarrfa. Nutar Daniela Mercieca kkonfermat li c-cheque a fol. 41 gie imsarraf.

Michael Axisa qal li hu kien xehed fil-kawza li Gaffarena kien ghamel kontra l-attur Michael Angelo Fenech. Semma li kien hemm xi trakkijiet ta' kunpanija u meta qasmu hu kien messu xi ingenji li rnexxilu jbiegh mal-

ewwel u Fenech kien talbu biex isiblu il-biegh tal-vetturi li kienu messu lilu. Kien qabdu mal-konvenut u hajru jixtri. Hu jaf li l-konvenut dak il-hin kien ilmenta li t-trakkijiet kellhom il-hsara. Wara li qasmu hu kien ghamel it-transfer tal-vetturi li kienu missu lilu. Ighid li dan it-transfer kellu jsir minn Pawlu Cutajar.

Paul Zammit xehed li t-trakkijiet li hemm imsemmijin fic-citazzjoni kienu inxtraw minn Planka Ltd izda bicciet minnhom in segwitu kellhom jintbghatu lura ghax ma kienux tajbin. Ighid li biex gew ghandhom kienu irmunkawhom.

Ivor Robinich xehed li kienu nhargu tliet enforcement notices fuq l-istess numru CF46/96 li gew notifikati fil-1996 u 1998.[2] L-akkuza harget fuq tliet entitajiet, Michael Angelo Fenech, Fenech Estates Co.Ltd , u Michael Angelo Fenech on behalf of Fenech Estates Co.Ltd., biex zgur jolqtu kollox. Il-ksur kien jikkonsisti fil-bdil fl-uzu ta’ art vakanti billi tpogga makkinarju fiha minghajr permess. Il-makkinarju tnehha fis-26 ta’ Marzu 2009 meta dan gie kkonfermat minn l-enforcement officers (Dok. IR1 sa IR3 a fol. 41 sa 43).

Il-konvenut xehed li mhux veru li huwa kien ha l-ingenji mertu tal-iskrittura Dok. A u rritorna tnejn minnhom. Hu kien ha tnejn biss li haseb li kienu jahdmu mentri l-ohrajn kienu bla numru u fi stat hazin hafna. Anke dawk it-tnejn li ha ma setghux jintuzaw u ghalhekk hallihom fi propjeta ta’ terzi f’Haz-Zebbug fejn ghadhom hemmhekk sa llum u mhux qeghdin fejn qal l-attur. Dawk it-trakkijiet li semma l-attur li kienu Marsaxlokk kienu minn dejjem hemm. Ighid li hu lanqas seta jbiegh dawk it-trakkijiet billi kien hemm diffikolta fid-dokumenti biex isir it-transfer, la fuq ismu u lanqas fuq terzi. Sa llum ghadu ma sarx transfer. Ikompli li l-attur kellu jibqa’ jzomm it-trakkijiet sakemm ikun jista jehodhom u sakemm isir it-transfer. Ighid li skond il-klwasola 6 ma hemm ebda ftehim dwar kera.

[2] Ir-referenza ghad-data tal-enforcement notice bin-numru 27 ta’ April **1900** hija hazina.

Il-konvenut xehed ukoll li l-proprjeta fejn l-attur ittrasferixxa l-trakkijiet hija propjeta tieghu stess jew fejn hu ko-propretarju. Hu qatt ma gie mitlub jiffirma xi ftehim dwar kera li sar. Dwar l-azzjoni li hadet il-Mepa l-konvenut ighid li kien l-attur stess li kien pogga t-trakkijiet hemmhekk qabel sar il-bejgh u hu ma kienx irtirahom ghax kienu difettuzi u ma setghax isir it-transfer fuqhom. Dawn l-ingenji ghadhom registrati fuq terzi u mhux fuq l-attur ghalhekk huma dawn it-terzi li huma responsabbili ghat-trasferiment tat-trakkijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

Illi dina l-kawza tirrigwarda talba tal-attur ghall-spejjez tal-garr ta’ vetturi u okkupazzjoni ta’ art mill-istess vetturi tal-konvenut fil-propjeta tal-attur.

L-attur iddikjara li huwa mhux jitlob kumpens ghal okkupazzjoni tal-art meta l-konvenut abbanduna l-vetturi Marsaxlokk fl-ghalqa tieghu izda qed jitlob hlas biss ghal dawk l-ispejjez li huwa kellhu jaghmel ghal trasport taz-zewg trakkijiet meta huwa kellu jirrilokhom f’post iehor wara li nharget enforcement order fuq l-art fejn il-konvenut halla z-zewg trakkijiet.

Minn naha l-ohra l-konvenut wiegeb li hu m’ghandux ihallas l-ispejjez mitluba, allegatament inkorsi mill-attur billi kien l-istess attur li pogga t-trakkijiet fuq l-art tieghu f’Marsaxlokk qabel bieghhom lill-konvenut. Hu ma kienx irtira dawn it-trakkijiet billi kienu difettuzi u ma setghax isir it-transfer.

**Integrita’ tal-gudizzju**

Illi fl-ewwel risposta tieghu l-konvenut eccepixxa n-nuqqas ta ntegrita’ tal-gudizzju stante illi l-vetturi ndikati ghadhom propjeta tal-kunpanija Tal-Barrani Co. Ltd u registrati f’isem is-socjeta kummercjali Concrete Works Ltd ghalhekk dawn is-socjetajiet ghandhom jigu kjamati fil-kawza.

Illi mill-provi prodotti jidher l-ewwelnett li fil-kors tal-kawza l-konvenut ma insistiex aktar biex dawn il-kumpaniji jigu kjamati fil-kawza. Nonostante dan ghandu jirrizulta illi mill-fthemin li kien sar fl-1989 Dok. A u senjatament fl-artikolu 7 il-partijiet kienu konsapevoli li l-vetturi kienu registrati fuq Concrete Works Ltd. Jinghad ukoll fil-ftehim li: "All the necessary procedures for the transfer of such licences are the sole responsibility of Concrete Works Ltd and the second party [Gaffarena]. And the first party [l-attur) is in no way responsible to carry out any procedures for the said transfers to be effected."
Illi skond il-ftehim il-bejgh kien sar bejn Michael Angelo Fenech u Joseph Gaffarena u hadd aktar. Jirrizulta ukoll mill-kawza li l-konvenut kien ghamel kontra l-attur (Citaz: 1195/90) li s-sitt vetturi kienu gew assenjati lill-attur u dan setgha jbieghhom (fol. 151).

Ghalhekk dawn iz-zewg kumpanniji ma kienux involuti f'dan il-ftehim ta' bejgh u xiri u ghalhekk f'dina l-kawza, li tirrigwarda kumpens ghall-okkupazzjoni ta' art tal-attur, huma ma jiffiguraw xejn billi l-attur setgha liberament ibiegh l-vetturi. Inoltre ukoll kwalunkwe transfer li kellu jsir kien responsabilita' tal-konvenut u mhux tal-attur. Infatti din il-Qorti tinnota li Michael Axisa xehed li huwa ma sab ebda diffikolta' biex ibiegh il-vetturi li kienu gew imissu lilu mill-istess lot li kien mess lill-attur.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Mertu**

Illi skond l-konvenut hu ma kienx ha dawn it-trakkijiet. Ighid li ha biss tnejn u dawn kienu difettuzi u ma setghax isir it-transfer taghhom.

Dwar il-kwistjoni sollevata mill-konvenut li huwa ma hax t-trakkijiet billi t-transfer ma setghax isir dina l-Qorti diga rriferiet ghal klawsola 7 minn fejn jirrizulta li l-attur ma kienx responsabbili biex jipprokura li jsir it-transfer tal-vetturi in kwistjoni.

Dwar il-kwistjoni l-ohra li l-vetturi kienu difettuzi, mill-ftheim imsemmi Dok. A jirrizulta li l-vetturi nbieghu tale quale u dawn gew spezzjonati mill-konvenut qabel ittiehdu[3]. Inoltre bhala tale quale ftit li xejn setgha jaghmel il-konvenut la darba huwa xtrahom u hadhom. Jekk il-konvenut kellu xi ilmenti fondati messu fittex jiddepozitahom il-Qorti u mhux jabbanduna dawk il-vetturi fl-ghalqa tal-attur.

Il-konvenut ighid li huwa ma hax dawk il-vetturi kollha izda mill-provi jirrizulta li fil-fatt il-konvenut kien ha l-vetturi izda imbaghad billi tnejn minnhom ma ridhomx huwa abbandunahom fl-art tal-attur. Infatti Pawlu Zammit xehed li "Niftakar illi dawk it-trakkijiet li hemm imsemmija fic-citazzjoni kienu gew ghandna pero bicciet minnhom in segwitu kellhom jintbghatu lura ghax anqas kienu tajbin" (ara fol. 105). Michael Axisa xehed li (il-konvenut) "Kien qalli, biex inkun preciz illi huwa kien hadhom l-ingenji pero kien zied ighidli ukoll li parti minnhom ma kienux ghogbuh u ma jridhomx. Wara jiena skoprejt ukoll illi parti minn dawn l-ingenji sabu ruhhom f'ghalqa f'Marsaxlokk" (ara fol. 99).

Inoltre kif jirrizulta mir-risposta tal-konvenut ghall-ittra ufficjali tal-attur (fol. 156) imkien il-konvenut ma jghid li t-trakkijiet ma hadhomx jew li baqghu ghand l-attur imma rrisponda biss u talab spjega ta' x'hiex l-attur kien qed jitlob il-€1,397.62 u jekk l-vetturi kienu mekkanikament fi stat li jinsaqu u jekk setghax isir it-transfer taghhom. L-istess jerga jirrepti l-konvenut fl-ittra ufficjali tieghu tal-1 ta' Marzu 2010 (fol. 157).

Jirrizulta anke fis-sentenza fil-kawza 1195/90 li l-konvenut kien ghamel kontra l-attur odjern, li l-Qorti kienet sabet li l-konvenut Gaffarena ha lura xi whud mill-vetturi billi telaqhom fit-triq (ara sentenza a fol. 150).

Illi ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-versjoni tal-attur ghandha aktar mis-sewwa billi jirrizulta li z-zewg trakkijiet, wara li l-konvenut kien hadhom, reggha

[3] Fit-sentenza 1195/90 il-Qorti qalet li l-attur (Gaffarena) kien ha il-vetturi ghand mekkanik tieghu biex jigu spezzjonati qabel jixtrihom. Ara fol. 152

abbandunahom fl-ghalqa tal-attur ghax ma ridhomx, u mhux kif qed jallega il-konvenut li huwa qatt ma ha t-trakkijiet minn Marsaxlokk minghand l-attur.

**Danni**

Ghar-rigward tat-talba attrici ghal danni subiti, l-principju hu li hadd m’ghandu dritt jivvantaggja ruhu minn hwejjeg haddiehor minghajr ma jhallas kumpens misthoq u adegwat. Dan il-principju hu temperat fil-kaz ta’ pussessur in bona fede (ara **Cini vs Cini**, Appell 28/01/2000).

Hu minnu li sid il-kera jigi akkordat kumpens in linea ta’ danni ghal okkupazzjoni u li dawn generalment, izda mhux limitatament, ikunu jirrapprezentaw il-kera li sid il-fond ppercepixxa kieku l-fond gie mikri. Din il-kera m’ghandiex necessarjament tkun dik li kienet tigi mhallsa izda ukoll dik li l-fond jattira skond is-suq (**Camilleri vs Belizzi**, P.A. 02/10/2002).

Fir-rigward il-konvenut qed isostni li minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim ta’ lokazzjoni li jaghti lok ghal hlas pretiz mill-attur u inoltre a bazi tal-para. (6) ta l-iskrittura (Dok. A), l-attur kien accetta u ntrabat li jzomm l-istess vetturi, minghajr ebda pretensjoni jew rizerva ghal xi hlas ta xi kumpens.

Illi l-klawsola 6 tal-fehtim tghid li: “All the vehicles sold by this agreement whilst still in the custody of the first party, shall be at the sole risk of the second party, and the first party accepts no responsibility for loss, damage, or delay occurring from any cause whatsoever”. Illi mkien f’dina l-klawsola ma hemm stipulat li l-attur kien qed jaccetta li ser jzomm l-vetturi bla hlas, imma hemm biss li sakemm il-vetturi ikunu ghadhom fil-kustodja tal-attur, ir-riskju xorta jaqa’ fuq il-kovnenut.

Dwar il-kwistjoni li jsemmi l-konvenut li ma sar ebda ftehim ta’ lokazzjoni l-Qorti tirrileva li l-attur kien interpella diversi drabi lill-konvenut, anke ufficjalment li huwa kien ser jirriloka t-trakkijiet billi kienet ser tigi enforzata l-ordni tal-Awtorita tal-Ippjanar izda l-konvenut baqa’ inadempjenti

avolja kien ipprometta li kien sejjer jiehu lura t-trakkijiet. Ghalhekk l-attur kien gustifikat li jilhaq ftehim ta' lokazzjoni indipendentement jekk l-konvenut jaqbilx jew le.

Jirrizulta li l-attur kellu jittrasporta dawn it-trakkijiet permezz tal-kunpanija Roc-a-Go u hallas l-ammont ta' €1,374.33

L-attur kellu jikri ukoll spazju biex iqieghed dawn it-trakkijiet f'post iehor. Huwa minnu li fejn pogga dawn it-trakkijiet l-attur huwa ta' huh u tal-attur stess izda kif jinghad hadd ma jaghmel xejn ghal xejn u l-presunzjoni hi li s-servizz li persuna taghti lill-haddiehor tinghata bi hsieb ta' kumpens. Il-kumpens mitlub hu ta' €17,001.70 mhallsa mill-attur ghal kiri ta' spazju ghall-ingenji.

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn l-ammonti huma gustifikati u ragjonevoli u ma saret ebda vera kontestazzjoni dwarhom.

Illi ghalhekk l-ammonti mitluba ghal kiri, trasport u garr huma dovuti kif mitlub fir-rikors guramentat. L-ispejjez l-ohra mitluba bhal spejjez gudizzjarji u interessi huma parti mis-sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi ssib lill-intimat responsabbli ghad-danni kagunati lir-rikorrenti konsistenti fi spejjez tal-garr tal-ingenji u danni ghall-okkupazzjoni,

Tillikwida d-danni msemmija fl-ammont ta' €18,376.03; u

Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont hekk likwidat bl-imghaxijiet mis-7 ta' April 2009 sad-data tal-pagamert effettiv. B'riserva ghall-danni ulterjuri;

Tordna lill-intimat jigbor l-ingenji in kwistjoni spejjez tieghu u fin-nuqqas li dan isir fi zmien xahar mid-data ta' dina s-sentenza r-rikorrent qed jigi awtorizzat inehhi u/jew jiddistruggi huwa stess l-ingenji in kwistjoni spejjez tal-intimat.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------